**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Avviz Nru. 323/15 MV**

**Michael Scicluna**

**Vs**

**Middle Sea Insurance plc (C 5553) u Laferla Insurance Agency Limited (C14529)**

**Illum 11 ta' Lulju 2023,**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' citazzjoni mressqa fil-25 ta' Ottubru 2015, li biha l-attur ippremetta[1];

U tghid ghaliex m'ghand tkun ikkundannat li thallus, intom jew min minnkom, lill-attur s-somma ta' tmint'elef, erba mija u hamsa u tmenin ewro u erbghatax il-centezmu (€8,485.14) liema somma hija dovuta lir-rikorrenti, rapprezzentanti indenniz dovut lil attur wara li avvera ruhu riskju- u cioe, serq tal-vettura- li kien kopert mill-polza ta' assigurazzjoni b'numru 9001 P21018309-12, mahruga fir-rigward tal-vettura tat-tip Daihatsu Rugger, numru ta' registrazzjoni LAF 659 ghal valur ta' sebat'elef ewro (€7,000) ghas-sena 2012, kif mitlub mill-intimati stress fix-"Schedule attaching to and forming Part of the Policy P21018309-12" hawn annessa u mmarkata bhala "Dok A", flimkien

[1] Fol. 1 tal-process.

ma l-ammont ta' elf seba mija u sittin ewro u sitt centezmi (€1,718.08) rappresentanti kiri ta' vettura bejn it-28 ta' Novembru, 2013 sat-28 ta' Frar, 2014.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu, 2014, kif ukoll l-ispejjez kollha ta' dan ir-rikors u ta' proceduri legaliulterjuri illi jistghu , u bl-imghaxijiet kif permess mill-Ligi, li jigu ikkalkolati sa mill-8 ta' Novembru, 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti illi huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni

Rat ir-Risposta mressqa fl-20 ta' Novembru 2015 li biha s-socjeta intimata proprio et nomine eccepiet[2];

1, Illi l-isem tas-socjeta konvenuta Middlesea Insurance plc huwa llum Mapfre Middlesea plc. Hemm lok ghal korrezzjoni tal-atti f'dan is-sens. Tali korrezzjoni ma hiex opposta u l-atti korretti ma jinhtiegux notifika mill-gdid salv illi r-risposta bl-eccezzjonijiet odjerni tkun tghodd ukoll ghall-atti korretti.

2.Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes ghas-segwenti ragunijiet:

a. Illi l-azzjoniproposta mill-attur hija nsostenibbli billi skont il-polza ta' assikurazzjoni bazi legali ta' din l-azzjoni dissidwu bejn il-kontendenti fuq is-somma pagabblilill-attur skont il-polza ta' assikurazzjonitieghu ghandu jigi sottomess ghal Arbitragg.
b. Fil-mertu, is-somma pagabbli lill-attur that il-polza ta' assikurazzjonitieghu, u in vista tat-telf meritu tal-claim li sar that dik il-polza kien ta' €3,000 liema somma giet offerta mill-

[2] Fol. 7 tal-process.

konvenuti lill-attur diversi drabi u finalment depozitata mill-eccipjenti that l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti b'cedola ta' Depozitu numru 422/14 li tista tigi liberamentzbankata mill-attur ghas-saldu ta' din il-pretenzjoni.

c. Illi l-polza ta' assikurazzjoni mahruga lill-attur hija polza ta' imdemnita illi minnha l-qliegh ossija rikavat massimu li jista jircievi l-assikurat huwa illi jigi kkumpensat ghal hsara li sofra. Illi fil-kaz odjern ifisser, illi jircievi hlas ekwivalenti ghal valur tal-vettura mitlufa dakinhar tat-telf taghha.

d. Illi ma huwiex apert lill-attur illi jitlob illi jigi risarcit sew tal-valur tal-vettura assikurata u kif ukoll tal-kiri ta' vettura ohra u dan ghaliex il-polza ma tikkontemplax risarciment ghal kiri ta' vettura ohra u dan ghaliex il-polza ma tikkontemplax risarciment ghal kiri ta' vettura f'dawn ic-cirkostanzi u kif ukoll ghaliex ma huwiex koncepibbli illi ssir din ix-xorta ta' risarciment doppju.

e. Salvi eccezzjonijiet ohra,

3. bl-ispejjez kontra l-attur ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat is-sentenza preliminari fuq l-eccezzjoni imressqa mill-intimati datata 8 ta' Novembru 2017[3].

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, inkluza dik bil-procedura tal-affidavit;

[3] Fol. 85 tal-process.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Il-fatti fil-Qosor**

Din hija azzjoni ibbazata fuq *claim* li l-attur ghamel kontra l-assigurat tieghu, ossija Middlse sea Insurance plc. u Laferla Insurance Agency Limited ghal fatt li huam naqsu li jonoraw il-*claim* minnu miftuha rigwardanti vettura tal-ghamla Daihatsu Rugger b' numru ta' reguistrazzjoni LAF 659 li kienet insterqet f' Novembru 2012. Il-vettura in kwistjioni kienet insurjata mill-konvenuti taht polza numru 9001 P 21018309-12 ghal valur ta' Ewro 7,000. L-attur qed jitlob ukoll il-hlas lura ta' Ewro 1,718.08c talli fil-perjodu wara is-serqa tal-vettura hu kellu jikri vettura ohra minghand terzi. Ghaldaqstant it-talba tal-attur hija b' mod komplessiv ta' Ewro 8.485.14c.

Minn-naha taghhom il-konvenuti kienu offrew lill-attur Ewro 3,000 biex tinalqa din il-vertenza bejniethom pero' dan irrifjuta din l-offerta minhabba li hu dejjem sostna li kellu jiehu lura Ewro 7,000 li kien il-valur li ghaliha kien assikurat fl-2012.

**Il-Provi**

**Mark Laferla Jr**. xehed fis-17 ta‘ Frar 2016 u iddikjara li huwa l-assistant general manager ta’ Laferla Insurance Ltd. Din tal-ahhar hija l-agent tal-Middlsea Insurance plc. Hu jikkonferma li l-policy changes jintbaghtu permezz tal-posta normali u ma jkollhomx prova li l-klijent ikun ircevihom[4]. Mark Laferla Jr. rega’ xehed nhar is-16 ta’ Jannar 2019 fejn ezebixxa kopja ta’ proposal form datata 7 ta’ Dicembru 2003 u saha li l-ahhar renewals li ghamel l-attur kienu ma’ Peak Insurance Ltd.[5] Hu qal ukoll testwalment illi:

‘**Broker jirraprezenta lill-klijent u jikkorispondi on behalf of the client.**’

Filwaqt li a fol. 329 ikompli jippreciza li:

‘**salsman jigbor informazzjoni on our behalf jigifieri ir-rwol primarju tas-salsman huwa li jigbor d-dettalji u l-informazzjoni ghalina…’**

**‘il-valur huwa estimate minn-naha tal-klijent‘**

Jippreciza li l-claim saret ma’ Laferla u intliet mill-klijent. Jighid ukoll li kein hemm korrispondenza bejn Mark Zammit minn-naha ta‘ Peak Brokers Ltd. U Claire Culich minn-naha ta‘ Laferna fejn dan tal-ewwel

[4] Fol. 43A tal-process.
[5] Fol. 328 tal-process.

kien qed jishaq li l-vettura kienet inxurjata ghall-Ewro 7,000. Is-Sur Laferla jishaq li Mark Zammit qatt ma iggustifika is-seba' t' elef Ewro maghhom tal-claim. Isostni a fol 334 tal-process li:

'**Issa ahna meta nghidu l-estimate for the client. Igifieri the clients estimate of the value u fid-documentation kullpolza ta' insurance, motor insurance policy meta jkun hemm valur attribwit mal-karoza whether it is third part fire and theft jew comprehensive jkun hemm miktub car u tond li it is the clients estimate tal-valur tal-vettura, u f' kaz ta' claim ha tithallas il-valur tal-vettura dakinnhar jew il-valur li tana hu which ever is the lwer.'**

Ftit wara fuq domanda tal-avukat tieghu li kienet is-segwenti:

'**No no no mela jiena meta nestendi r-renewal bhala insurance lil min nibghat ninforma?**

Xhud: '**Lil broker, meta jkun hemm broker lil broker**.'

Is-xhud Laferla jghid lin-notioce lill-broker hija awtomated u li ghollew l-istima biex jissetiljaw il-claim. Imbghad a fol 338 jippreciza:

'…….**Issa taht hemm nota the maximum amount payable will be the reasonable market value of your vehicle at the time of loss or damage, but not exceeding your estimate of the value as stated above.'**

Fit- 13 ta’ Marzu 2019 Mark Laferla Jr. rega‘ kompla jixhed fejn ezebixxa numr ta‘ dokumenti fejn id-dokumenti kollha jenfasizzaw a fol 364 – 366 li ‘ The maximum amount payable will be the reasonable market value of your vehicle at the time of loss or damage but not exceeding your estimate of the value as stated above. Fid-dokument ezebit hemm li **l-polza kienet tkopjri bejn it- 2 ta‘ Frar 2012 sal-31 ta‘ Dicembru 2021** u li l-valur taghha kien ta’ Ewro 7,000 u ried jithallas excess ta’ Ewro 235. Il-vettura giet manifatturata fl-1988 u li kellha 14- il sena meta insterqet.

Rega’ xhed Mark Laferla Jr nhar l-4 ta‘ Marzu 2020. [6] Jghid li il-mudell tal-1992 kien gie ivvalutat 8,000 pounds. Dan kien mudell aktar modern minn tal-attur. Huma kienu sabu ukoll mudelli simili ghal 1,500 u 2,500 Pounds. Jerga‘ jishaq li il-valur jaghtih il-klijent u jekk isaqsi ghal gwida jirreferu ghal guide book (jew illum cartell). Isostni li huma jghidulhom li dan biss gwida jew jekk ikunu jridu nqabbdulhom surveyor u fl-ahharnett noqghodu fuq dak li jghidulna hu.

A folio 471 tal-process jghid testwalment hekk:

**‘jiena niehu l-instructions minghand il-broker on behalf of client. Ma ghandix ghalfejn niddubita li l-brojker mhux qed jahdem on behalf of the client’.**

Meta gie kontro ezaminat fis-16 ta‘ Dicembru 2020 a folio 486 is-Sur Laferla jishaq li qaghad fuq il-valur li tah is-surveyor Cumbo u hu

[6] A folio 464 tal-process.

prezenta l-evalwazzjonijiet fuq il-mudell Fordtrack. Hu jghid li 90% mir-ricerka li ghamel kien il-prezz li kienu qed jipproponu huma. Jikkonferma wkoll li Peak ma ghandhomx access ghas-sistema ta' Laferla u dawn fuq l-istimi tal-klijent. Jghid li huwa aktar familjari ma-Ford track milli mal-Ferosa u li fuq il-premiums jaf ikun hemm caqlieq ,l fuq jew 'l isfel u li huwa accetabbli li jkun hemm bejn 10- 15% depreciation tal-vettura.[7]

Meta jkompli jixhed fil-5 ta' Far tal-2021 Laferla bazikament jikkonferma id-dokumenti ezebiti minnu fil-process u jghid li huma stabilew il-valur ta' Ewro 3,000 ghax hadu l-assunzjoni li il-vettura tal-klijent kienet kundizzjonata. Dan minhabba li qaghdu fuq il-kelma tieghu[8].

Jghid ukoll li:

**'Jekk hemm broker involut mal-klijent il-broker jitkellem mal-klijent, ahna qatt ma nitkellmu mal-klijent direttament dment li ma jigix hu'**

A folio 519 ikompli jixhed is-segwenti:

**'Nikkonferma ukoll li l-Feroza hija differenti, jigifieri ma naghmlux riferenza ghal Feroza…..m' ghandhiex x' taqsam il-Feroza allavolja jidhru simili qieghdin jghidu they are different**

[7] Fol. 499 tal-process.
[8] Fol. 509 tal-process

**models. Imma il-Fourtrack huwa l-istess mudell bhal Rugger, imma il-Fourtrack kien iddisenjat ghal UK Market.'**

L-attur **Michael Scicluna** xehed fit-13 ta' April 2016.[9] Hu iddikjara li kien xtara il-vettura second hand fl-1996 u jghid li mar ghandd Laferla u ma jafx x' iffirma pero' jaf zgur li kien kopert b' polza ' fire and theft'. Hu ezebixxa l-unika dokument li kienu tawh. Hu jikkonferma ukoll li propjament kein mar ghand Peak Brokers li kineu jahdmu ma' Laferla u ma tawh l-ebda karta. Fl-24 ta' Jannar 2018 rega' xehed l-attur Scicluna.[10] Isostni is-segwenti:

**'(L-insurance) geghluh jiffirma xi karta u li minnha ma tawh l-ebda kopja u kull ma tawh hija l-insurance'.**

Jghid li l-logbook kien gol-vettura u kien insteraq maghha ikompli jixhed li fl-2011 l-insurance qaltlu li il-vettura tiswa Ewro 8,300 u fl-2012 kienet tiswa Ewro 7,000 u ma ghandux l-originali ghax kienet gol-vettura li insterqet. Hu jikkonferma li kien beda ma' Laferla pero' imbaghad qaleb ghal Peak Brokers li huma ukoll allaccati ma' Laferla. Jishaq li fit-8 ta' Novembru 2012 kien ipparkja il-vettura tieghu f' haz-Zebbug u insterqet minn hemm. Wara kien mar jaghmel rapport ghand il-pulizija. Ikpompli jghid a fol. 201 li l-ewwel offerta tal-insurance kienet ta' Ewro 1.500 u imbghad zieduha ghal Ewro 1,500 ohra pero' ma kienx sodisfatt ghax kienu stmawilu Ewro 7,000. Wara xi snin hu kellu jixtri karrozza ohra u li fil-frattemp kein hemm perjodi fejn kera karozza biex jinqeda.

[9] Fol. 53 tal-process.
[10] Fol. 192 tal-process.

Meta gie kontro-ezaminat fis-7 ta' Mejju 2021 is-Sur Scicluna sahaq li il-borker ma fhemilux il-polza u li hu ma jifhimx fl-isurance. Hu jghid li l-unika darba li staqsewh fuq il-valur kien meta inxurjaha l-ewwel darba.

'**Jiena kull darba li mort dejjem qaluli l-karrozza tieghek tiswa daqshekk u ha thallas daqshekk'.**

**'Jiena mort ghand il-broker, tghajtu l-karta u ghdtlu fuq din ha nimxu jiena hemm xi differenza ohra. Qalli le fuq din nimxu'[11].**

Xehed **Mario Cumbo** li hu l-head accessor tal-Mapfre Middlsea Insurance plc.[12] Jghid li l-insurances dejjem jikkalkulaw **il-kumpens skond il-valur fis-suq meta il-vettura tkun naqset u mhux skond is-sum insured**. Hu jishaq li kien ikkalkula u irrkmand kumpens skond ma' vettura 4 x 4 short whel based ta' istess eta' kienet iggib bejn wiehed u iehor minhabba il-fatt li peres li insterqet il-vettuira hadd ma seta' jaraha. Fl-2016 kien hemm biss 12- il vettura Malta bhal dik misruqa u il-vettura de quo kienet '*discontinued mill-maker u discontinued anki mill-parts.'*[13] Is-Sur Cumbo jghid li il-vettura kienet immanifatturata fl-1988 u alura kellha 14- il sena meta kinet misruqa. Skond hu il-valur ikun ibbazat fuq:

1. Available tal-parts;
2. Il-kundizzjoni taghha;
3. Kemm hija reparabbli;

[11] Fol. 533 tal-process.
[12] Fol. 223 tal-process.
[13] Fol. 226 tal-process.

4. Infittxija fis-suq.

Hu jiddikjara li fis-suq il-Ferosa kienet qed iggib bejn wiehed u iehor Ewro 2,500 u li ir-Rugger bhal tal-attur kienu sabu Ewro 1,400 u ghall-ewwel offrewlu Ewro1,500. Jishaq li hu familjari ma’ vettur tal-Jappun u li ilu aktar minn 25 sena fis-settur. Hu jghid li mar-Rugger hu mhux daqstant familjar imma li kien ghamel ricerka fuq il-vettura. Izid jghid li skond hu id-differenza bejn Rugger u Ferosa hija wahda ta‘ marketing u li ovvjament ma jafx x‘ kundizzjoni kienet il-vettura misruqa minhabba li qatt ma rah. Jikkontendi li huma ma offrewx l-anqas ammont li kein Ewro 2,500 ghal vettura simili f‘ Malta u sahansitra Ewro 1,000 fis-suq Ingliz. F‘ hin minnhom il-Magistrat sedenti twissi lix-xhud li jrid jghid il-verita’ biss u kollha wara li tishaq li ix-xhieda tieghu mhix lejali ghad-dokum,enti li hu stess ezebixxa. Hu jghid li il-vettura tal-attur giet imqabbla ma‘ Isuzu MU Land Cruiser, Pajero u Ferosa u li qatt ma mar jifferifika b‘ ghajnejh xi vetturi li intwerew fuq Maltapark. Hu jammetti li ir-ritratti li kienu tal-vettura de quo ma rahhomx ladarba kienu jinzammu fil-files ta‘ Laferla u jikkonkludi ukoll li qatt ma kein fi trattativa mal-klijent.

Meta rega‘ xehed fil-31 ta’ Ottubru 2018 jikkonfermal l-emails murija mill-attur.[14] Is-Sur Cumbo jghid li ma jistax jikkonferma b’ certezza li xi parts tar-Rugger u tal-Ferosa humiex l-istess u ma jarafx id-differenza bejn xi ritratti murija mill-attur fil-process.[15] Mistoqsi fuq id-differenzi bejn ir-Rugger u il-Fersa jghid testwalment hemm a fol. 314 u 315 tal-process:

[14] Fol. 304 tal-process.
[15] Fol. 310 u 313 tal-process.

**'vetturi simili ma jfissirx li nara jekk il-bozza taqbilx ezatt identika mal-ohra. Jew jekk it-trim ta' fuq il-bumper taqbilx identika mal-ohra. Jiena nerga nghid anki konferma minghad il-maker li once is-shazi number ghandu il-prefex li ghandu it is considered to be the same car…. Il-vettura kella kwazi 30 sena'.**

Fl-ahhar tat-testimonjanza tieghu huwa iccara d-dati tal-emails li kien ezebixxa qabel mehuda mis-sit Maltapark.

Xehed **Mark Zammit** li kien claims manager ma' Peak Insurance Brokers fejn a folio 393 sahaq li:

'**F' dan il-kaz partikolari is-Sur Scicluna dan gejna appuntati bhala brokers appointed frjn hu kien diga' insured ma' Laferla hu xtaq li jibqa' jhallas lilna pero' jzomm l-istess kumpanija.'**

Hu kien beda ma' Peak Brokers mill-1 ta' Jannar 2008 u dan sakemm inqala l-akkadut jispjega li r-renewal notice '**tohrog f' isem il-klijent u f' kaz li jkun hemm broker tintbaghat lil broker**'. Dan ix-xhud ikompli jistqarr is-segwenti:

'**F' dan il-kaz ir-renewal notice waslet ghandna u ahna infurmajna lil klijent… u jekk l-assiguratur jigbed l-attenzjoni ta' xi affarijiet ninfurmawh bihom.**'[16]

[16] Fol. 394 tal-process.

**‘Vettura tkun over insured…. Fil-fatt f’ dan il-kaz ma jidher lio kein hemm l-ebda formalita‘ fis-sens…. Igifieri jidher li dejjem kein revised b‘ diprezzament regolari ha nghid hekk.‘**[17]

Fuq domanda tal-Qorti:

‘**Skuzani daqsxejn, fuq ammont li ghadek kif iddeskrivejt inti, dawk deprezzament igifieri jkun gej minn naha ta‘ l-insurance company?‘**

hu jafferma:

‘**F’ dak il-kaz iva**‘[18]

U jishaq li l-valur jigi impost minn Laferla ‘**Modo superandi b’ responsabilita’ nghid li kien advised minn naha ta’ Laferla**’.[19]

Xehed **Leslie Borg** li huwa il-Managing Director ta’ Peak Insurance Brokers a fol 431 tal-process fren stqarr li certa Lorainne Barbara ma ghandix kuntatt mal-klijenti u spjega kif Peak u Laferla jagixxu mal-klijenti. Izid jghid li:

’**Remember that the sum shown on the policy schedule and renewal notice is not necessarily the amount that will be paid. It is your estimate of the vehicle’s value and represents the maximum amount recoverable under the policy’**

[17] Fol. 396 tal-process.
[18] Fol. 397 tal-process.
[19] Fol. 401 u 405 tal-process.

**‘therefore strongly recommend…. Overpricing your motor vehicle will only only increase the premium you may have to pay.’**[20]

Izid jghid a folio 437 tal-process li:

‘**L-ahhar kelma fuq il-valur taqa’ fuq il-klijent, ahna indikazzjoni nistghu naghtuh…… hafna drabi l-guidline l-klijenti kienu jarawh baxx, kienu jahsbu li l-asset li ghandhom huma tiswa hafna iktar….**’

**Ikkunsidrat.**

Il-gurisprudenza taghna fil-materja ta‘ assikurazzjoni tghallimna b’ mod kostanti is-segwenti:

**‘Il-kuntratt ta’ assikurazzjoni hu meqjus bhala wiehed tal-aqwa bwona fede…… meta il-‘*proposal form*’ tigi mimlija mhux mill-proponent, imma minn persuna ohra, din titqies li mliet il-formola ghal proponent, u mhux ghall-assikurat, specjalment meta l-proponent, qabel ma jiffirma l-‘proposal form’ ikun hares lejha u accerta ruhu li kollox kien sar sew, u b’ hekk assuma r-responsabilita’ tad-dikjarazzjoni maghmula fiha’.**[21]

[20] Fol. 435 tal-process.

[21] Charles Degiorgio ne. vs Austin Agius et. deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Gunju 1962 per Onorevoli Imhallef Prof. Jos. H. Huereb.

**'…. Is-sub-agent hu mandatarju tal-'*proposer*' (f' dan il-kaz ta' l-attur) u mhux tal-kumpanija filwaqt li jkun qed jimla' d-dettalji b' inkariku ta' l-attur.**

**Pont iehor hu li l-'*proposal form*' hija parti integrali mill-polza, u kwindi '*mis-statement*' fiha hu qisu 'mis-statement' fil-polza. Jinghad fil-gurisprudenza Taljana ara sent. Citata Rep. Navarini u Vedani, comm. Art. 429, para. 65 :-'Il-proponente un contratto di assicurazione assume intera responsabilita' per le dichiarazioni contenute nella proposta che e' parte integrale della polza, anche se non scittedi suo pugno'.'[22]**

Ghaldaqstant mhux siewja id-difiza tal-attur meta jghid li huwa ma kienx jaf x'qed jiffirma. Kienet ir-responsabilita' unika tieghu li jara li dak li qed tipproponilu l-assikurazzjoni jaghmel sens u jekk ma kienx hemm affarijiet cari isaqsi l-assikurazzjoni tramite il-broker tieghu halli b' hekk jaghmel il-verifici necessarji.

Minn-naha l-ohra hu xoghol il-broker li bhala mandatarju tal-klijent tieghu jara li dak li qed tipproponi u tapprova l-assikurazzjoni huwa fattwali u li l-klijent qed jifhem il-kuntratt u jaghraf il-konsegwenzi ta' dak li qed jiffirma.

**Ikkunisdrat ulterjorment:**

[22] Antonio Zammit vs Joseph Micallef ne. deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Jannar 1952 per Onorevoli Imhallef Dr. W. Harding.

**‘Illi taht l-iskorta tal-principju ewlieni tad-dritt assikurattiv dwar l-indennita’ (‘*The Principle of Indemnity*’), l-assikurat irid jitqieghed f’ qaghada ekonomika li kien ikun fiha kieku l-periklu ma sehhx. B’ mod partikolari, l-assikurat ma jistax jistaghna bis-sahha ta‘ polza ta‘ assikurazzjoni jew jaghmel qligh minnha, l-izjed fejn il-polza tkun wahda li tirregola l-gid tal-assikurat. Ghalhekk, l-ammont li l-assikurat jista’ jippretendi li jithallas wara li jsehh l-incident huwa l-ammont ta’ tnaqqis fil-prezz li l-haga ggib fis-suq bejn dak li kienet tiswa qabel l-incident u dak li sehh fl-incident.’[23]**

Il-Qort qed taghmilha cara li hija mhux ser toqghod fuq dak li xehed il-head accessor is-Sur Mario Cumbo. Ix-xhieda ta’ dan l-ahhar hija mhux sodisfacenti, xi kultant konfuza kif ukoll kontradittorja u professjonist li jallega li ghandu ghexieren ta’ snin esperjena fis-settur hu mistenni li jixhed b’ mod aktar serju u professjonali. L-assjem ta’ dak li qal gie kontradett mis-Sur Laferla b’ dokumentazzjoni mill-*mother company* tad-Daihatsu u kien nuqqas serju mill-kumpanija assikuratrici li halliet f’idejn is-Sur Cumbo biex tasal ghall-offerta ahharija taghha li illum jista’ jinghad li mhix realistika wara li wiehed jezamina l-kwotazzjonijiet kollha li hemm fl-atti. Mhux serja il-kumpanija meta hija ghall-ewwel qaghdet principarjament fuq informazzjoni impreciza tal-head surveyor taghha li minn naha tieghu ghamel ricerka nofs kedda fuq il-Maltapark fejn il-Qorti tista’ tiehu *judicial notice* li hafna drabi jkun hemm prezzijiet mhux veritieri u mhux realistici. Dan zgur mhux il-mod kif isiru l-affarijiet, specjalment fil-konfront ta’ klijenti li jkunu lejali ghal diversi snin kif inhu l-attur.

---

[23] Robert Pace vs GasanMamo Insurance Agency Ltd. deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili Cit. Nru. 189/1999/1 fit-28 ta’ Lulju 2004 per Onor. Imhallef Joseph R. Micallef.

Minn-naha l-ohra il-Qorti taqbel u taccetta it-tezi tal-imharrkin fejn jghidu li l-ammont pretiz mill-klijent hu di fatti il-massimu li wiehed jista' jigbor mill-polza tieghu meta jaghmel il-claim. Bl-ebda tigbid ta' immaginazzjoni l-attur ma' jista' jghid li l-kumpanija assikurattric hbietlu dan il-fatt, anzi dan huwa imnizzel fid-dokumenti li gew ipprezentati in atti u jekk kellu xi dubbju, kif diga' intqal kellu jaghmel il-verifici tieghu kemm mal-brokerr kif ukoll direttament kieku hass il-bzonn mal-kumpanija assikurattrici. Dan milli jidher ma ghamlux jew ghax kien konvenjenti ghalih jew inkella bi traskuragni.

Ghaldaqstant il-Qorti thoss li ghalkemm il-prezz ta' Ewro 7,000 kien wiehed reali fit- 2 ta' Frar 2012, ossija meta giet imgedda l-polza. Dan ukoll minhabba il-fatt li ma jirrizultax li b' xi mod kien ikkontestat minn Laferla u l-Qorti temmen li kien l-obbligu ta' Laferla li minhabba li kien hemm **disparita' kbira** bejn dak li wara kien qed jghid li kien il-valur reali fis-suq u dak li fil-fatt ghazel il-klijent li huwa il-prezz reali u li kien fuq dan tal-ahhar li hallas premium oghola li qabel ma giet intavolata l-claim, kien ta' beneficcju ghall-kumpanija.

In vista' li kif jixhed ukoll is-Sur Cumbo ghan-nom tal-intimati li huma taw il-beneficcju lill-klijent li l-vettura kienet f'kundizzjoni tajba meta insterqet[24]; Ukoll in vista li l-vettura kellha 14- il sena meta insterqet; u kif ukoll in vista li fit-8 ta' Novembru 2012 il-polza kienet waslet biex tiskadi; il-Qorti tqis li fuq il-valur ta' Ewro 7,000 ghandu jkun hemm deprezzament massimu ta' 15% kif jidher li huwa l-prassi fis-

[24] Ma din l-assserzjoni qabel ukoll is-Sur Laferla Jr.

suq.[25] **Jigifieri is-somma dovuta lill-attur ghandha tkun Ewro 5,950.**

Ma jidhirx u ma jirrizultax, tal-anqas mill-atti, li l-assikuratur kellu xi obbligu li jikri xi vettura lill-assikurat u allura t-talba ghar-rimbors tal-flejjes ta' meta kera xi vettura, ossija Ewro 1,718.08c, qed tigi michuda *in toto.*

Lanqas ma tirrizulta l-ittra ufficjali data 18 ta' Marzu 2014 mill-atti u allura kull imghaxx ghandu jkun dekorribbli mill-ghoti ta' din is-sentenza.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-attur parzjalment billi tordna lill-intimati jirrifondu *in solidum bejniethom* lill-attur is-somma komplessiva ta' Ewro 5,950 rapprezentanti l-indennizz fuq il-polza numru 900 P 21018309-12 b' l-imghaxx legali dekorribli minn meta din is-sentenza ssir res judicata.

Spejjez tal-prezenti procedura a karigu tal-intimati in solidum bejniethom.

Dottor Monica Vella LL.D., M.Jur.

[25] Jidher li id-deprezzament annwali hu bejn 10%- 15% skon ix-xhied tas-Sur Laferla Jr.

Magistrat

Victor Deguara

Deputat Registratur